**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**IMĦALLEF**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2017**

**Kawża Nru 9**

**Rikors Nru. 1008/16JRM**

**BANK OF VALLETTA p.l.c.** (C-2833)

vs

Martin **ZERAFA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Novembru, 2016 li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li din il-Qorti:

(i) Tikkundanna lill-imħarrek Martin Zerafa biex iħallas lis-soċjeta attrici s-somma ta' disgħa u tmenin elf, disa' mija u sebgħa u tmenin euro u ħames ċenteżmi (€89,987.05) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdraft Accounts"* tal-istess imħarrek mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C6" u Dokti "D1 sa D6") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-21 ta' Ottubru, 2016, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Talbet ukoll l-ispejjeż, magħduda dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Settembru, 2014;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimat bil-mezz tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni għall-finijiet tal-Art 187(3) tal-Kap 12, li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda ta' rappreżentant tas-soċjeta rikorrenti waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta mistħoqqa;

Fil-Kontumaċja tal-intimat taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lill-Bank attur is-somma ta' disgħa u tmenin elf, disa' mija u sebgħa u tmenin euro u ħames ċenteżmi (€89,987.05) bilanċ għad-debitu "*fl-Overdraft Accounts*" tiegħu, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mill-21 ta' Ottubru, 2016, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek biex iħallas **l-ispejjez tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**16 ta' Mejju, 2017**

**16 ta' Mejju, 2017**